---

**23 ta' Ottubru, 1998**

**Imħallef:-**

**Onor. Frank G. Camilleri LL.D.**

Carmelo Pule

*versus*

Kummissarju tal-Pulizija *et*

## Mandat ta' Impediment ta' Safar - Responsabbiltà ta' Danni ta' l-Awtoritajiet f'Każ ta' Safar ta' Persuna Miżmuma milli Ssiefer

*L-attur talab dikjarazzjoni u kundanna ħlas għal danni wara li ppremetta illi l-konvenuti ħallew lil terz isiefer bi ksur ta' Mandat ta' Impediment ta' Safar. Il-Qorti ċaħdet it-talba attriċi għaliex ma ġiex ippruvat kif kien allegat fil-kawżali taċ-ċitazzjoni illi l-konvenuti ma ħadux ħsieb l-ordni tal-Qorti.*

Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-attur li biha, wara li ppremetta:

Li nhar it-30 ta' Awissu, 1987, seħħ inċident tat-traffiku fi Triq l-Imġarr fejn kienu involuti ibnu Godwin Pule, li kien qiegħed isuq il-vettura tal-marka Mini numru ta' reġistrazzjoni H 7290 proprjetà ta' l-attur, u ċertu Muftah Ramadan Isahhli li kien qiegħed isuq il-vettura tat-tip Toyota numru PV 151195;

*Li, in segwitu għal dan l-inċident, huwa ħalef Mandat ta'* Impediment tas-safar numru 1274/87 kontra l-imsemmi Muftah Ramadan Isahhli u dan ġie debitament innotifikat lill-imsemmi;

Li sussegwentement huwa, b'ċitazzjoni ppreżentata fil-11 ta' Settembru, 1987, fl-ismijiet ***Carmelo Pule vs Muftah Ramadan Isahhli***, li ġġib numru 690/87 talab li dan Muftah Ramadan Isahhli jiġi kkundannat responsabbli għall-inċident tat-traffiku msemmi u, konsegwentement, iħallas id-danni lilu kkaġunati;

Li fl-atti tal-kawża irriżulta li, nonostante li l-imsemmi mandat ta' impediment tas-safar kien qed jiġi prorogat, il-konvenut kien telaq minn dawn il-Gżejjer;

Li b'sentenza mogħtija fit-23 ta' Novembru, 1992, mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Muftah Ramadan Isahhli responsabbli ta' l-inċident tat-traffiku imsemmi u kkundannatu jħallas is-somma ta' elf u mitt lira u sitta u sebgħin ċenteżmu (Lm1,100.76c), inklużi l-ispejjeż tal-kawża li ammontaw għal erba' mija u tnejn u erbgħin lira u sitta u għoxrin ċenteżmu u milleżmu (Lm442.26c1m), liema sentenza ma setgħetx tiġi esegwita billi l-imsemmi Muftah Ramadan Isahhli kien siefer mill-Gżejjer ta' Malta;

Li l-konvenuti għalhekk huma responsabbli għad-danni kkaġunati lilu għax ma ħadux ħsieb li jobdu l-ordni tal-Qorti *ai termini* tal-mandat ta' impediment tas-safar numru 1274/87 u ppermettew b'negliġenza u b'traskuraġni li l-imsemmi Muftah Ramadan Isahhli jitlaq minn dawn il-gżejjer;

Talab li l-konvenuti jgħidu għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

Tiddikjarhom responsabbli għad-danni kkaġunati lilu meta b'negliġenza u traskuraġni ppermettew li Muftah Ramadan Isahhli jsiefer minn dawn il-Gżejjer avolja kien hemm mandat ta' impediment tas-safar numru 1274/87 debitament maħluf u nnotifikat lill-imsemmi u lill-konvenuti;

Tikkundannahom iħallsu s-somma ta' elf, ħames mija u tlieta u erbgħin lira u żewġ ċenteżmi u millezmu (Lm1,543.20c1m) jew somma verjuri rappreżentanti d-danni kkaġunati lilu kif fuq enunċjat;

Bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' l-ittri uffiċjali ddatati 25 ta' Frar, 1993 u 16 ta' Diċembru, 1992, u bl-imgħaxijiet legali mid-data ta' l-ittra uffiċjali; il-konvenuti huma mħarrka għas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni ġġuramentata u n-nota tax-xhieda ta' l-attur;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenut Kummissarju tal-Pulizija li biha eċċepixxa:

Illi d-Dwana, nonostante li dejjem informata per *formalità* bl-impediment ta' partenza kontra persuni, ma tikkontrollax id-

dħul u l-ħruġ tal-passiġġieri minn Malta;

Illi dan il-kontroll fuq id-dħul u ħruġ ta' nies lejn u barra minn Malta isir mill-Pulizija ta' l-imigrazzjoni;

Illi għaldaqstant għandu jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju l-istess Kontrollur tad-Dwana;

Illi, mingħajr preġudizzju għas-suespost, irid jiġi ppruvat li ġie pprorogat l-istess mandat ta' impediment ta' safar u li kien regolari u li rriżulta xi negliġenza jew traskuraġni da parti ta' uffiċjali tal-Gvern u din il-prova ssir mill-attur;

Illi del resto l-impediment ta' partenza numru 1274/87 ma ġiex ipprorogat f'Awissu ta' l-1989;

Rat id-dikjarazzjoni ġġuramentata tal-konvenut Kontrollur tad-Dwana li biha eċċepixxa:

Illi d-Dwana, nonostante li dejjem informata per formalità bl-impediment ta' partenza kontra persuni, ma tikkontrollax id-dħul u l-ħruġ tal-passiġġieri minn Malta;

Illi dan il-kontroll fuq id-dħul u ħruġ ta' nies lejn u barra minn Malta isir mill-Pulizija ta' l-Imigrazzjoni;

Illi għaldaqstant għandu jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju l-istess Kontrollur tad-Dwana;

Illi, mingħajr preġudizzju għas-suespost, irid jiġi ppruvat li ġie pprorogat l-istess Mandat ta' Impediment ta' Safar u li kien regolari u li rriżulta xi negliġenza jew traskuraġni da parti ta' uffiċjali tal-Gvern, u din il-prova trid issir mill-attur;

Illi del resto l-impediment ta' partenza numru 1274/87 ma ġiex ipprorogat f'Awissu ta' l-1989;

Rat id-dikjarazzjoni ġġuramentata tax-xiehda tal-konvenut Kontrollur tad-Dwana;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-attur (fol. 80);

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenuti (fol. 87);

Rat in-nota ta' l-attur bi tweġiba għan-nota ta' l-osservazzjonijiet tal-konvenuti (fol. 93A);

Rat l-atti l-oħra tal-kawża;

Eżaminat id-deposizzjonijiet;

Ikkunsidrat:

Din il-kawża taf il-bidu tagħha għall-fatt li l-attur kien ottjena sentenza kontra Muftah Ramadan Isahhli għall-ħlas lilu tas-somma ta' elf u mitt lira u sitta u sebgħin ċenteżmu (Lm1,100.76) u l-ispejjeż ġudizzjarji fl-ammont ta' erba' mija u tnejn u erbgħin lira, sitta u għoxrin ċenteżmu u milleżmu (Lm442.26,1) (ara sentenza u taxxa a fol. 19 u 23);

L-attur kien ottjena l-ħruġ ta' mandat ta' impediment tal-partenza kontra d-debitur imsemmi fit-2 ta' Settembru, 1987, biex jikkawtela l-kreditu tiegħu. Jirriżulta li fis-7 ta' Awissu, 1987, dan kien innotifika regolarment lill-imsemmi debitur (ara riferta a fol. 10) u jirriżulta ukoll li l-kawża kontra tiegħu, li ġiet intavolata fil-11 ta' Settembru, 1987, ġiet innotifikata lilu (ara affidavit ta' l-attur a fol. 38);

L-attur xehed li wara li nnota li *Isahhli ma kienx baqa'* jidher il-Qorti huwa beda jistħarreġ jekk dan kien għadu hawn Malta. Huwa mar għandu l-avukat tiegħu u dan kiteb ittra lill-Uffiċjal inkarigat mill-Immigrazzjoni, iddatata 24 ta' Novembru, 1987, fejn talab informazzjoni dwar jekk Isahhli kienx siefer minn dawn il-Gżejjer u dan l-Uffiċjal wieġeb, b'ittra ddatata 4 ta' Frar, 1988, illi mir-*records* tagħhom ma kienx jirriżulta li dan l-individwu kien ħareġ minn Malta;

L-attur kompla xehed li minn stħarriġ li għamel huwa stess kien irriżultalu li l-karozza ta' dan l-Għarbi, li kienet involuta fl-inċident stradali meritu *tal-kawża, kienet ħarġet minn Malta*, u għalhekk reġa' kiteb lill-istess Uffiċjal, b'ittra ddatata 24 ta' Frar, 1988, u talbu biex isir aktar stħarriġ dwar din il-persuna. Sussegwentement, *irriżulta mix-xhieda li ta Uffiċjal mis*-sezzjoni ta' l-Immigrazzjoni quddiem il-Qorti li din il-karozza tal-konvenut kienet telqet minn Malta fix-xahar ta' Novembru, 1987, u kienet telqet *unaccompanied.* Imbagħad *l*-attur ippreżenta rikors fid-29 ta' Mejju, 1989, biex jiġu nnominati kuraturi għar-rappreżentanza ta' Isahhli fil-kawża tiegħu u, b'digriet tat-8 ta' Ġunju, 1989, ġew innominati kuraturi biex il-kawża tkun tista' tkompli u tiġi deċiża;

Ġara li meta ġie biex jesegwixxi s-sentenza, li ġiet mogħtija fit-23 ta' Novembru, 1992, l-attur sab li ma setax jagħmel dan b'suċċess għaliex kemm Isahhli kif ukoll il-karozza tiegħu ma kinux hawn Malta;

Ikkunsidrat:

Li l-unika kawżali li fuqha tinsab ibbażata ċ-ċitazzjoni odjerna tgħid *expressis verbis* kif ġej:

**"Peress illi l-konvenuti għalhekk huma responsabbli**

**għad-danni kkaġunati lill-attur għax ma ħadux ħsieb li jobdu l-ordni tal-Qorti *ai termini* tal-mandat ta' impediment tas-safar numru 1274/87 u ppermettew b'negliġenza u b'traskuraġni li l-imsemmi *Muftah Ramadan* Isahhli jitlaq minn dawn il-gżejjer";**

Jingħad li kawżali hekk konċepita ma tħalli l-ebda dubbju li biex l-attur jirnexxi b'din l-azzjoni huwa jrid jipprova li dan Muftah Ramadan Isahhli ħalla Malta minħabba n-negliġenza u t-traskuraġni tal-konvenuti jew tad-dipendenti tagħhom. Fi kliem ieħor, irid jirriżulta ċar u b'mod konkludenti n-ness ta' kawża *u* effett bejn it-tluq ta' dan Isahhli minn Malta u l-aġir negliġenti u traskurat tal-konvenuti;

*Jidher però*, li l-attur donnu nesa *li l-kawżali taċ-ċitazzjoni* għamilha tikkonsisti fl-allegazzjoni ta' fatt uniku, dak ċjoè li l-konvenuti, bi ksur ta' ordni tal-Qorti, ħallew lil Isahhli jitlaq minn Malta u b'hekk ikkawżawlu danni;

Dan qiegħed jingħad għaliex l-istess attur *in extremis* ippreżenta nota ta' osservazzjonijiet responsiva (fol. 93A), fejn qanqal ħafna konġetturi u anke ta' x'wieħed jifhem li dan Isahhli *jista' jkun li jinsab moħbi hawn Malta jew sekwestrat;* mhux biss, iżda sa wasal biex javanza l-possibbilità li dan inqatel. U, wara li semma' dan kollu, issottometta li huwa ma jistax jagħmel il-prova la *li* ħarab, *la li nqatel, la li* għadu mistoħbi u lanqas li għadu sekwestrat x'imkien, għaliex "il-mezzi ta' dawn l-eventwalitajiet (huma) f'idejn il-konvenuti, u huma l-istess konvenuti li kellhom it-twissija tal-Qorti biex jaraw li dan kollu ma jsirx";

Fil-fehma tal-Qorti, dan kollu jikkonferma li l-attur ma rnexxilux jipprova li Isahhli tħalla jitlaq minn Malta mill-konvenuti u *li l-provi proċesswali għandhom iwasslu biss biex*

wieħed jikkonkludi li dan ma setax jinstab iżjed;

Kif sewwa ġie sottomess mill-konvenuti, l-artikolu 856 tal-Kapitolu 12 (kif kien qabel l-emendi ta' l-1 ta' Ottubru, 1995), fis-subinċiż (2), jipprovdi li f'każ ta' impediment tas-safar kontra persuna dan għandu jiġi nnotifikat lill-uffiċjal inkarigat mill-passaporti "bit-twissija *li m'għandux jagħti* passaport lil dik il-persuna u lill-Kummissarju tal-Pulizija bit-twissija li ma jħallix lil dik il-persuna titlaq minn Malta";

Jingħad ukoll illi hija validissima l-osservazzjoni li jagħmlu l-istess konvenuti (nota ta' osservazzjonijiet a fol. 89) fis-sens li dan l-ordni li "ma jħallix" lill-persuna titlaq minn Malta ma jistax ħlief jiġi nterpretat *li jfisser ordni lill-Pulizija* biex jekk ikunu jafu li l-persuna ser titlaq minn Malta din tinżamm u mhux ordni li taddossa r-responsabbilità fuqhom jekk il-persuna taħrab minn Malta;

Il-Qorti hija tal-fehma li l-attur ma ressaq l-ebda prova li l-imsemmi Isahhli telaq minn Malta mill-port jew mill-ajruport ta' Malta u, għalhekk, l-ebda prova ma *teżisti fil-proċess* li l-konvenuti ħallewh jitlaq minn dawn il-Gżejjer. Skond il-liġi, l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegha (artikolu 562 tal-Kapitolu 12) u din il-prova baqgħet ma saritx;

Għalhekk, l-unika kawżali ta' din iċ-ċitazzjoni ma ġietx ippruvata u, kwindi, id-domandi attriċi ma jistgħux jiġu akkolti;

Għal dawn il-motivi:

Taqta' u tiddeċidi billi tiċħad it-talbiet attriċi u tillibera lill-konvenuti mill-osservanza tal-ġudizzju, bl-ispejjeż kontra l-attur.